MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2013

Numru. 1360/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JASON F. SULTANA**
**SPETTUR SARAH MAGRI**

**VS**

**MARK PACE**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Pace, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 87770 (M).

**Akkuzat talli:**

1. Nhar il-10 ta` Dicembru, 2011, bejn is-saghtejn u nofs ta` wara nofs in-nhar u t-tlileta u nofs ta` wara nofs

in-nhar gewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, Gzira, bil-hseib li jtellef jew inaqqas il-gieh ta` Ann Petroni, detentrici tal-karta ta` l-identita` bin-numru 242961 (M), wegga` bi kliem, b’gesti jew b’xi mod iehor;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe` lil Ann Petroni, biza` li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` taghha;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b’mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu innifsu;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-istess vettura jew prova jsuq jew kellu l-kontroll ta` *motor-car* jew vettura ohra fit-triq jew f’post pubbliku iehor meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta` wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` kontra PC 1241 Christopher Farrugia, PC 1130 Bjorn Sammut, PS 267 Arthur John Cassar u PC 345 Mark George Cremona, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

7. U aktar tallli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe` lil PC 1241 Christopher Farrugia, PC 1130 Bjorn Sammut, PS 267 Arthur John Cassar u PC 345 Mark George Cremona biza` li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta` taghhom;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza attakka jew ghamel rezistensa bi vjolenza jew b’hebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubbliku, u cioe` kontra ufficjal

tal-Pulizija PC 1241 Christopher Farrugia, PC 1130 Bjorn Sammut, PS 267 Arthur John Cassar u PC 345 Mark George Cremona, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxen jew indicenti;

10. U aktar talli naqas milli jaghti kampjun tan-nifs bil-ghan li ttiehed, indikazzjoni ta` jekk il-proporzjon ta` *alcohol* fin-nifs, jew fid-demm jew fl-urina tieghu kinetx izjed mil-limitu preskritt;

11. Nhar is-6 ta` Dicembru, 2011, ghal habta ta` sebgha u nofs ta` filghaxija gewwa x-Xemxija naqas milli jobdi l-ordnijiet tal-Pulizija;

12. U aktar talli fl-istess msemmija data, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-jiem ta` wara saq vettura bil-mutur jew vettura ohra minghajr licenzja tas-sewqan jew vettura ohra minghajr licenzja jew vettura ohra li ma jkollhiex licenzja, jew soqta b'nuqqas ta` kont bi traskuragni, jew b'xi mod perikoluz;

13. U aktar talli fl-istess imsemmija data, hin, lok u cirkostanzi u/jew fil-jiem ta` wara saq l-istess vettura bi traskuragni jew b'mod perikoluz;

14. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-liberata` provizorja imposta minn diversi Qrati diversament preseduti;

Il-Qorti giet gentilment mitluba tqis lil Mark Pace bhala recidiv ta` diversi sentenzi a tenur tal-Artikoli 49, 50 u 289 ta` Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll li tohrog ordni ta` protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Ann Petroni, PC 1241 Christopher Farrugia, PC 1130 Bjorn Sammut, PS 267 Arthur John

Cassar u PC 345 Mark George Cremona u l-membri tal-familja taghhom, ir-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

F'kaz ta` htija l-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tiprovdi ghas-sigurta` ta` Ann Petroni, PC 1241 Christopher Farrugia, PC 1130 Bjorn Sammut, PS 267 Arthur John Cassar u PC 345 Mark George Cremona u l-membri tal-familja taghhom ai termini tal-Artikolu 382A et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

F'kaz ta` htija, b'zieda ghal piena l-Qorti giet gentilment mitluba tiskwalifika lil Mark Pace milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta` mhux anqas minn tmint ijiem kif mahsub f'Artikolu 15 (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 251 (1) (2), 251 B, 338 (dd), 338 (ff), 95, 96 (a), 338 (bb), 49, 50, 412 (c), 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 15A (1) (2), 15D (b), 15E (1) (a) (4) (5), 15 (1) (a) (2) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Wara li tiddikjara li l-akkuza numru wiehed u tnejn gew irtirati mill-kwerelanti seduta stante u wara li tiddikjara li l-akkuza numru ghaxra qed tigi assorbita mill-akkuza numru hamsa. Il-Qorti qiedgha wkoll tillibera lill-imputat mill-akkuza numru tnax liema akkuza ma tirrizultax. Ghal

bqija l-Qorti qiedgha ssib htija fil-kontravenzjonijiet kontenuti fl-akkuzi numri tlieta, erbgha, disgha u fir-reati kontenuti fl-akkuza hamsa, sitta, sebgha, tmienja, tnax, tlettax u erbatax, waqt li tiddikjara li l-akkuza tar-ricediva wkoll ma gietx ippruvata stante t-trapass taz-zmien. Il-Qorti qiedgha tikkundanna lill-imputat u dan wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari tieghu, t-trapass taz-zmien u specjalment ir-rinunzja tal-parte civile involuta fil-kaz, ghal terminu ta` sitt (6) xhur prigunerija, izda tordna li dan it-terminu m'ghandux jigi servut jekk fi zmien sentejn (2) mil-llum l-imputat ma jikkomettix reat iehor li ghalih hemm it-terminu ta` prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------